

Il-Ġurnal Ufficijali L 169 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

29 ta' Mejju 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ Ftehim għat-terminazzjoni ta' Trattati Bilaterali dwar l-Investiment bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea 1

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

FTEHIM

għat-terminazzjoni ta' Trattati Bilaterali dwar l-Investiment bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

IL-PARTIJIET KONTRAENTI,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANCIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-JANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIJA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA u

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-prinċipji ġeneralni tal-liġi tal-Unjoni,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju kif kodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenja dwar il-Liġi tat-Trattati (KVLT),

FILWAQT LI JFAKKRU li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) sostniet fil-Kawża C-478/07 *Budějovický Budvar* li d-dispożizzjonijiet stabiliti fi ftehim internazzjonali konkuż bejn żewġ Stati Membri ma jistgħux japplikaw għar-relazzjonijiet bejn dawk iż-żewġ Stati jekk jinstab li jkunu jmorru kontra t-Trattati tal-UE,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li, fkonformità mal-obbligu tal-Istati Membri biex iġibu l-ordinamenti ġuridiċi tagħhom fkonformità mal-liġi tal-Unjoni, huma għandhom jisiltu l-konseguenzi meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni kif interpretata fis-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-284/16 *Achmea* (sentenza Achmea),

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-klawsoli ta' arbitraġġ bejn l-investitur u l-Istat fi trattati bilaterali dwar l-investiment bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (trattati bilaterali dwar l-investiment intra-UE) imorru kontra t-Trattati tal-UE u, minħabba din l-inkompatibbiltà, ma jistgħux jiġi applikati wara d-data li fiha l-aħħar parti għal trattat bilaterali dwar l-investiment intra-UE tkun saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JIKKONDIVIDU l-fehim komuni espress f'dan il-Ftehim bejn il-partijiet għat-Trattati tal-UE u għat-trattati bilaterali dwar l-investiment intra-UE li, minħabba fhekk, tali klawsola ma tistax isservi bħala bażi ġuridika għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ,

FILWAQT LI JIFHMU li dan il-Ftehim għandu jkopri l-proċedimenti ta' arbitraġġ kollha bejn investituri u l-Istati abbażi tat-trattati bilaterali dwar l-investiment intra-UE taħt kwalunkwe konvenzjoni ta' arbitraġġ jew sett ta' regoli, fosthom il-Konvenzjoni għas-Soluzzjoni ta' Tilwid dwar l-Investiment bejn l-Istati u Ċittadini ta' Stati Oħra (il-Konvenzjoni ICSID) u r-regoli ta' arbitraġġ tal-ICSID, ir-regoli ta' arbitraġġ tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ (QPA), ir-regoli ta' arbitraġġ tal-Istitut tal-Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Stokkolma (SCC), ir-regoli ta' arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali (KKI), ir-regoli ta' arbitraġġ tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL) u arbitraġġ ad hoc,

FILWAQT LI JINNOTAW li ċerti trattati bilaterali dwar l-investiment intra-UE, fosthom il-klawsoli ta' estinżjoni tagħhom, digħi ġew itterminati bilaterallment, u li trattati bilaterali oħrajn dwar l-investiment intra-UE ġew itterminati unilateralment u li l-perijodu ta' applikazzjoni tal-klawsoli ta' estinżjoni tagħhom skadew,

FILWAQT LI JAQBLU li dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet sostantivi ta' trattati bilaterali dwar l-investiment intra-UE mat-Trattati tal-UE,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li dan il-Ftehim jindirizza t-trattati bilaterali dwar l-investiment intra-UE; dan ma jkoprix il-proċedimenti intra-UE abbażi tal-Artikolu 26 tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jittrattaw din il-kwistjoni fi stadju aktar tard,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li meta l-investituri mill-Istati Membri jeżerċitaw waħda mil-libertajiet fundamentali, bħal-libertà tal-istabbiliment jew il-moviment liberi tal-kapital, huma jkunu qed jaġixxu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u għaldaqstant jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħiġja minn dawk il-libertajiet u, skont il-każi, mil-leġislazzjoni sekondarja rilevanti, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u mill-prinċipji ġeneralni tal-liġi tal-Unjoni, li partikolarm jinkludu l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, tal-proporzjonalità, taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġġittimi (is-Sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-390/12 *Pfleger*, il-paragrafi 30 sa 37). Fejn Stat Membru jimplimenta miżura li tidderoga minn waħda mil-libertajiet fundamentali garantiti mil-liġi tal-Unjoni, dik il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali garantiti mill-Karta japplikaw ukoll (Sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-685/15 *Online Games Handels*, il-paragrafi 55 u 56),

FILWAQT LI JFAKKRU li l-Istati Membri huma obbligati skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li jipprovdū rimedji suffiċċenti biex jiżguraw il-protezzjoni legali effettiva tad-drittijiet tal-investituri skont il-liġi tal-Unjoni. B'mod partikolari, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-qrat jew it-tribunali tiegħu, skont it-tifsira tal-liġi tal-Unjoni, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva (is-Sentenza tal-QĠUE fil-kawża, C-64/16, *Associação Sindical dos Juízes Portugueses*, il-paragrafi 31 sa 37),

FILWAQT LI JFAKKRU li tilwim bejn il-Partijiet Kontraenti rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 273 TFUE ma għandux jikkonċerna l-legalità tal-miżura li tkun is-suġġett ta' proċedimenti ta' arbitraġġ bejn l-investituri u l-Istat abbażi ta' Trattat Bilaterali dwar l-Investiment kopert minn dan il-Ftehim,

FILWAQT LI JŻOMMU f'moħħhom li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Kummissjoni Ewropea jew kwalunkwe Stat Membru jressqu każ quddiem il-QĠUE abbażi tal-Artikoli 258, 259 u 260 TFUE,

FILWAQT LI JFAKKRU li fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tal-11 ta' Lulju 2017, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ser jintensifikaw id-diskussionijiet mingħajr dewmien bla bżonn bil-għan li l-protezzjoni sħiħa, b'saħħitha u effettiva tal-investimenti fl-Unjoni Ewropea tiġi żgurata. Dawk id-diskussionijiet jinkludu l-valutazzjoni tal-proċessi u l-mekkaniżmi eżistenti ta' soluzzjoni ta' tilwim kif ukoll il-ħtieġa u, jekk tiġi aċċertata l-ħtieġa, tal-mezzi għall-ħolqien ta' għodod u mekkaniżmi eżistenti rilevanti ġodda jew imtejba skont il-liġi tal-Unjoni,

FILWAQT LI JFAKKRU li dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri u azzjonijiet ulterjuri li jistgħu jkunu meħtieġa fil-qafas tal-liġi tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat livell ogħla ta' protezzjoni tal-investimenti transkonfinali fi ħdan l-Unjoni Ewropea u biex jinħoloq ambient regolatorju aktar prevedibbli, stabbli u ċar biex jiġu inċentivati l-investimenti fi ħdan is-suq intern,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li r-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan il-Ftehim għandhom jinfieħmu wkoll bħala referenzi għall-predeċessur ta' tagħha, il-Komunità Ekonomika Ewropea u, sussegwentement, il-Komunità Ewropea, sakemm din tal-aħħar qjet sostitwita mill-Unjoni Ewropea,

FTIEHMU DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

Taqṣima 1

Definizzjonijiet

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim għandhom jaapplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Trattat Bilaterali dwar l-Investiment" tfisser kwalunkwe trattat ta' investiment elenkat fl-Anness A jew B;
- (2) "Proċedimenti ta' Arbitraġġ" tfisser kwalunkwe proċediment quddiem tribunal tal-arbitraġġ stabbilit biex tissolva tilwima bejn investitur minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment;
- (3) "Klawsola ta' Arbitraġġ" tfisser klawsola ta' arbitraġġ bejn investitur u Stat stipulata fit-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment li jipprevedi Proċedimenti ta' Arbitraġġ;
- (4) "Proċedimenti ta' Arbitraġġ Konklużi" tfisser kwalunkwe Proċediment ta' Arbitraġġ li jkun intemm bi ftehim ta' riżolviment jew b'deċiżjoni finali maħruġa qabel is-6 ta' Marzu 2018 fejn:
 - (a) id-deċiżjoni tkun ġiet eżegwita kif xiera qabel is-6 ta' Marzu 2018, anke fejn talba relatata għall-ispejjeż legali ma tkunx għet eżegwita jew infurzata, u fejn ma jkun hemm l-ebda proċediment pendent fir-rigward ta' kontestazzjonijiet, rikużi, oppożizzjonijiet, annullamenti, infurzar, reviżjonijiet jew proċedimenti oħra b'rabta ma' tali deċiżjoni fis-6 ta' Marzu 2018, jew
 - (b) id-deċiżjoni tkun għiet opposta jew annullata qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
- (5) "Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent" tfisser kwalunkwe Proċediment ta' Arbitraġġ li jkun inbeda qabel is-6 ta' Marzu 2018 u li ma jkunx jikkwalika bħala Proċediment ta' Arbitraġġ Konkluż, ikun x'ikun l-istadju tiegħi fid-data tal-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
- (6) "Proċedimenti ta' Arbitraġġ Ġodda" tfisser kwalunkwe Proċediment ta' Arbitraġġ mibdi fis-6 ta' Marzu 2018 jew wara;
- (7) "Klawsola ta' Estinzjoni" tfisser dispożizzjoni fi Trattat Bilaterali dwar l-Investiment li testendi l-protezzjoni tal-investimenti magħmulha qabel id-data tat-terminazzjoni ta' dak it-Trattat għal perijodu ta' żmien ulterjuri.

Taqsimma 2

Dispożizzjonijiet dwar it-terminazzjoni ta' trattati bilaterali dwar l-investiment

artikolu 2

Terminazzjoni ta' Trattati Bilaterali dwar l-Investiment

1. Trattati Bilaterali dwar l-Investiment elenkti fl-Anness A jiġu tterminati skont it-termini stabbiliti f'dan il-Ftehim.
2. Għal aktar ċertezza, il-Klawṣoli ta' Estinzjoni ta' Trattati Bilaterali dwar l-Investiment elenkti fl-Anness A jiġu tterminati b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ma għandhomx jiproduċu effetti legali.

Artikolu 3

Terminazzjoni tal-effetti possibbi ta' Klawṣoli ta' Estinzjoni

Il-Klawṣoli ta' Estinzjoni tat-Trattati Bilaterali dwar l-Investiment elenkti fl-Anness B jiġu tterminati minn dan il-Ftehim u ma għandhomx jiproduċu effetti legali, b'konformità mat-termini stipulati f'dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet komuni

1. Il-Partijiet Kontraenti b'dan jikkonfermaw li l-Klawṣoli ta' Arbitraġġ imorru kontra t-Trattati tal-UE u għalhekk ma japplikawx. Minħabba din l-inkompatibbiltà bejn il-Klawṣoli ta' Arbitraġġ u t-Trattati tal-UE, mid-data minn meta l-aħħar waħda mill-partijiet għat-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment tkun saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, il-Klawṣola ta' Arbitraġġ ftali Trattat Bilaterali dwar l-Investiment ma tistax isservi bħala l-bażi ġuridika għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ.
2. It-terminazzjoni skont l-Artikolu 2 ta' Trattati Bilaterali dwar l-Investiment elenkti fl-Anness A u t-terminazzjoni skont l-Artikolu 3 tal-Klawṣoli ta' Estinzjoni tat-Trattati Bilaterali dwar l-Investiment elenkti fl-Anness B għandhom jibdew japplikaw, għal kull tali Trattat, hekk kif dan il-Ftehim jidħol fis-sejjh għall-Partijiet Kontraenti rilevanti, b'konformità mal-Artikolu 16.

Taqsimma 3

Dispożizzjonijiet dwar talbiet magħmula skont trattati bilaterali dwar l-investiment

Artikolu 5

Proċedimenti ta' Arbitraġġ Ġodda

Il-Klawṣoli ta' Arbitraġġ ma għandhomx iservi bħala bażi ġuridika għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ Ġodda.

Artikolu 6

Proċedimenti ta' Arbitraġġ Konklużi

1. Minkejja l-Artikolu 4, dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa l-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Konklużi. Dawk il-proċedimenti ma għandhomx jerġgħu jinfetħu.
2. Barra minn hekk, dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa l-ebda ftehim biex tissolva b'mod amikevoli tilwima li tkun is-suġġett ta' Proċedimenti ta' Arbitraġġ mibdi ja qabel is-6 ta' Marzu 2018.

Artikolu 7

Dmirijiet tal-Partijiet Kontraenti rigward Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent u Proċedimenti ta' Arbitraġġ Ġodda

Fejn il-Partijiet Kontraenti jkunu partijiet għal Trattati Bilaterali dwar l-Investiment li abbażi tagħhom ikunu nbdew Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent jew Proċedimenti ta' Arbitraġġ Ġodda, huma għandhom:

- (a) jinformataw, f'kooperazzjoni bejniethom u abbażi tad-dikjarazzjoni fl-Anness C, lit-tribunali ta' arbitraġġ dwar il-konsegwenzi legali tas-sentenza Achmea kif deskritt fl-Artikolu 4; u
- (b) fejn ikunu parti għal proċedimenti ġudizzjarji dwar deċiżjoni ta' arbitraġġ li tkun inħarġet abbażi ta' Trattat Bilaterali dwar l-Investiment, jitkolbu lill-qorti nazzjonali kompetenti, inkluż fi kwalunkwe pajjiż terz, skont il-każ, biex topponi d-deċiżjoni ta' arbitraġġ, tannullaha jew li żżomm lura milli tirrikonoxxa u timplimentaha.

Artikolu 8

Miżuri tranżitorji relatati ma' Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent

1. Fejn investitur ikun parti għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent u ma jkunx ikkontesta quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti l-miżura li tkun sugħetta għat-tilwima, japplikaw il-miżuri tranżitorji tal-Artikoli 9 u 10.
2. Meta deċiżjoni finali ssib li l-miżura inkwistjoni ma tkunx taqa' taħt it-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment ikkonċernat, jew ma tkunx tikser dak it-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment, tkun ingħatat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-miżuri tranżitorji msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw.
3. Fejn il-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent jkunu jinkludu kontrotalbiet mill-Parti Kontraenti kkonċernata, dan l-Artikolu u l-Artikoli 9 u 10 għandhom japplikaw mutatis mutandis għal dawk it-talbiet.
4. Il-Parti Kontraenti kkonċernata u l-investitur jistgħu jaqblu wkoll dwar kwalunkwe soluzzjoni oħra xierqa tat-tilwima, fosthom soluzzjoni amikevoli, dment li s-soluzzjoni tkun konformi mal-liġi tal-Unjoni.

Artikolu 9

Djalogu strutturat għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent

1. Investitur li jkun parti għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent jista' jitlob lill-Parti Kontraenti involuta f'dawk il-proċedimenti biex tidħol fi proċedura ta' riżolviment skont dan l-Artikolu, bil-kundizzjoni li:
 - (a) il-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent jkunu ġew sospiżi skont talba f'dan is-sens mill-investitur, u
 - (b) jekk tkun digħi tteħdet deċiżjoni fil-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent, iżda din tkun għadha ma ġietx infurzata jew eżegwita b'mod definitiv, l-investitur jikkommetti li ma jibdiex proċedimenti għar-rikonoxximent, l-eżekuzzjoni, l-infurzar u l-pagament tagħha fi Stat Membru jew f'pajjiż terz jew, jekk tali proċedimenti jkunu digħi nbdew, li jitlob li jiġi sospiżi.

Il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha twieġeb bil-miktub fi żmien xahrejn skont il-paragrafi 2 sa 4.

Parti Kontraenti tista' wkoll titlob lil investitur involut fi Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent biex jidħlu fi proċedura ta' riżolviment skont dan l-Artikolu. L-investitur jista' jaċċetta bil-miktub fi żmien xahrejn dment li jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu.

It-tweġiba mill-Parti Kontraenti kkonċernata jew l-aċċettazzjoni mill-investitur trid tiddikjara, fejn rilevanti, li l-proċedura ta' riżolviment tkun b'hekk mibdija.

2. Proċedura ta' riżolviment tista' tinbeda biss fi żmien sitt xhur mit-terminazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 2 jew 3 ta' dan il-Ftehim, tat-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment li abbażi tiegħu jkunu nbdew il-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendent, billi ssir talba skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Għandu jingħata bidu għal proċedura ta' riżolviment jekk il-QĠUE jew qorti nazzjonali tkun sabet, f'sentenza li tkun saret finali, li l-miżura tal-Istat li tkun qed tiġi kkontestata fil-proċedimenti msemmija fil-paragrafu 1 tikser il-liġi tal-Unjoni.

4. Ma għandux jingħata bidu għal proċedura ta' riżolviment jekk il-QĠUE jew qorti nazzjonali tkun sabet, f'sentenza li tkun saret finali, li l-miżura tal-Istat li tkun qed tiġi kkontestata fil-proċedimenti msemmija fil-paragrafu 1 ma tiksirx il-liġi tal-Unjoni. L-istess japplika jekk il-Kummissjoni Ewropea tkun adottat deċiżjoni li tkun saret definitiva u li tkun sabet li l-miżura ma tiksirx il-liġi tal-Unjoni.

5. Jekk il-proċedimenti tal-qorti, li l-għan tagħhom ikun li tinkiseb is-sentenza kif imsemmi fil-paragrafi 3 jew 4, ikunu pendenti, il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha, fit-tweġiba tagħha skont il-paragrafu 1, tinforma lill-investitur dwar dak il-fatt. Il-bidu tal-proċedura ta' riżolviment għandha tiġi sospiża sakemm il-proċedimenti tal-qorti jkunu rriżultaw f'sentenza li tkun saret finali. Il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tinforma lill-investitur fi żmien ġimägħtejn minn tali sentenza. L-istess japplika jekk il-Kummissjoni Ewropea tkun adottat deċiżjoni li tkun saret definitiva.

6. Jista' jingħata bidu għal proċedura ta' riżolviment jekk ksur potenzjali tal-liġi tal-Unjoni kkawżat mill-miżura tal-Istat li tkun qed tiġi kkontestata fil-proċedimenti msemmija fil-paragrafu 1 tkun tista' tiġi identifikata u la japplika l-paragrafu 3 u lanqas il-paragrafu 4.

7. Il-proċedura ta' riżolviment għandha tkun issorveljata minn faċilitatur imparzjali bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet dwar it-tilwima bonarjament, legali u ġust barra minn qorti u barra minn arbitraġġ li jkun is-suġġett għall-Proċedimenti ta' Arbitraġġ. Il-proċedura ta' riżolviment għandha tkun imparzjali u kunfidenzjali. Kull parti għall-proċedura ta' riżolviment għandu jkollha d-dritt li tagħha magħrufa.

8. Il-faċilitatur għandu jinħatar bi ftehim komuni tal-investitur u l-Parti Kontraenti kkonċernata li taġixxi bħala konvenut fil-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendiġenti rilevanti. Il-faċilitatur għandu jinthażel minn persuni li l-indipendenza u l-imparzjalitā tagħhom huma mingħajr dubju u li għandhom il-kwalifikasi meħtieġa inkluż għarfien profond tal-liġi tal-Unjoni. Il-faċilitatur ma għandux ikun ċittadin tal-Istat Membru li fih sar l-investiment jew tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-investitur u lanqas ma għandu jkun f'pożizzjoni ta' kunflitt ta' interress. Jekk ma jintlaħaqx ftehim komuni dwar l-ġhażla tal-faċilitatur imparzjali fi żmien xahar minn meta tinbeda l-proċedura ta' riżolviment, l-investitur jew il-Parti Kontraenti kkonċernata li tkun qed taġixxi bħala l-konvenut fil-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendiġenti rilevanti għandhom jitħol lu id-Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea biex jinnomina Membru preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għandu jaħtar, wara li ssir konsultazzjoni ma' kull parti fit-tilwima, persuna li tissodisa l-kriterji stabbiliti f'dan il-paragrafu. Skeda ta' ħlas indikattiva għall-faċilitatur hija stabbilita fl-Anness D.

9. Il-faċilitatur għandu jitlob lill-investitur u lill-Istat Membru fejn ikun sar l-investiment biex jipprovd u sottomissionijiet bil-miktub fi żmien xahrejn mill-ħatra tiegħu/tagħha. Meta l-proċedura ta' riżolviment tkun inbdiet abbażi tal-paragrafu 6, il-faċilitatur jista' jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex fi żmien xahrejn tipprovd parir dwar il-kwistjoni rilevanti relatati mal-liġi tal-Unjoni.

10. Il-faċilitatur għandu b'mod imparzjali jorganizza n-negozjati dwar ir-riżolviment u jappoġġa lill-partijiet bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim amikevoli fi żmien 6 xħur mid-data tal-ħatra tiegħu/tagħha, jew perijodu itwal li l-partijiet jistgħu jaqblu dwareu. Il-partijiet għandhom jipparteċipaw *in bona fede* f'dak il-proċess. Meta jagħmel dan, huwa/hija għandu jieħu kont tad-deċiżjoni jekk il-QĠUE jew ta' qorti nazzjonali kif ukoll tad-deċiżjoni jekk il-Kummissjoni Ewropea li jkunu saru definitivi, u tal-parir imsemmi fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 9. Il-faċilitatur għandu jqis ukoll l-azzjonijiet meħuda sabiex jikkonforma mad-deċiżjoni rilevanti tal-QĠUE mill-Parti Kontraenti kkonċernata u mal-każistika tal-QĠUE dwar il-firxa ta' kumpens għad-danni skont il-liġi tal-Unjoni.

11. Jekk ma tinstabx riżoluzzjoni amikevoli fil-perijodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 10, il-partijiet fil-proċedura għandhom jipproponu, fi żmien xahar, soluzzjoni aċċettabbli għalihom. Kull proposta għandha tiġi kkomunikata bil-miktub, mingħajr dewmien bla bżonn, lill-parti l-oħra involuta fil-proċedura għal osservazzjoni. Il-faċilitatur għandu jorganizza aktar negozjati fuq dik il-bażi, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat għat-tilwima.

12. Fi żmien xahar mill-komunikazzjoni tal-proposti u b'kont meħud tal-iskambju ta' fehmiet ulterjuri msemmi fil-paragrafu 11, il-faċilitatur għandu jagħmel proposta finali bil-miktub għal ftehim bonarju emendat. Fi żmien xahar mill-wasla ta' dik il-proposta, kull parti għall-proċedura għandha tiddeċiedi jekk taċċettax il-proposta finali u tikkomunika dik id-deċiżjoni bil-miktub lill-parti l-oħra.

13. Jekk parti għall-proċedura ma taċċettax il-proposta finali, hija għandha tipprovd spjegazzjoni bil-miktub dwar ir-raġunijiet għal dan lill-parti l-oħra għall-proċedura mingħajr dewmien bla bżonn, u fejn neċċessarju tnejhi kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali. Kull parti fil-proċedura għandha tħallas l-ispejjeż tagħha u nofs it-tariffi għall-faċilitatur u dawk relatati mal-loġistika tal-proċedura ta' riżolviment.

14. Jekk jintlaħaq ftehim dwar it-termini tar-riżolviment, il-partijiet ghall-proċedura għandhom jaċċettaw dawk it-termini b'mod legalment vinkolanti mingħajr dewmien bla bżonn. It-termini tar-riżoluzzjoni:

(a) iridu jinkludu:

- (i) obbligu fuq l-investitur biex jirtira t-talba għal arbitraġġ jew jirrinunzja għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li tkun digħi t-tieħdet, iżda li tkun għadha ma ġietx infurzata jew eżegwita b'mod definitiv, jew, fejn rilevanti, għandu jieħu kont ta' kwalunkwe kumpens li jkun tħallas qabel fil-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendentii bil-ħsieb li jiġi evitat kumpens dopju, u
 - (ii) impenn biex ma jingħatax bidu għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ Ġodda, u
- (b) jistgħu jinkludu rinunzja tad-drittijiet u t-talbiet l-oħra kollha relatati mal-miżura li hija s-suġġett tal-proċedimenti msemmjija fil-paragrafu 1.

Artikolu 10

Aċċess għall-qrat nazzjonali

1. Investitur għandu jkun intitolat li jaċċessa r-rimedji ġudizzjarji skont il-liġi nazzjonali kontra miżura kkontesta fi Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendentii anke jekk il-limiti ta' żmien nazzjonali biex jitressqu azzjonijiet ikunu skadew, fil-limiti ta' żmien msemmjija fil-paragrafu 2, bil-kundizzjoni li:

(a) l-investitur jirtira l-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendentii u jirrinunzja għad-drittijiet u għat-talbiet kollha skont it-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment rilevanti jew jirrinunzja għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tkun digħi nħarġet, iżda li ma tkunx ġiet infurzata jew eżegwita b'mod definitiv, u jippenja li jżomm lura milli jistitwixxi Proċedimenti ta' Arbitraġġ Ġodda:

- (i) fi żmien sitt xħur mit-tmiem tat-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment Bilaterali li abbażi tiegħu jkunu nbew il-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendentii, fejn id-djalogu strutturat skont l-Artikolu 9 ma jkunx intuża;
- (ii) fi żmien sitt xħur mid-data meta l-Parti Kontraenti kkonċernata tiċħad it-talba tal-investitur biex jidħlu fi djalogu strutturat skont l-Artikolu 9(1) u (6); jew
- (iii) fi żmien sitt xħur mid-data meta l-aħħar waħda mill-partijiet tikkomunika d-deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 9(12), fejn ikun intuża d-djalogu strutturat skont l-Artikolu 9;

(b) l-aċċess għall-qorti nazzjonali ser jintuża biex issir talba bbażata fuq il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni; u

(c) fejn rilevanti, ma ntlaħaq l-ebda ftehim ta' riżolviment bħala riżultat tad-djalogu strutturat skont l-Artikolu 9.

2. Il-limiti ta' żmien nazzjonali għall-aċċess għall-qrat nazzjonali skont il-paragrafu 1 għandhom jitqiesu li jibdew mid-data meta l-investitur, kif applikabbli, jirtira mill-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendentii rilevanti jew jirrinunzja għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni digħi mogħtija, iżda li tkun għadha ma ġietx infurzata jew eżegwita b'mod definitiv u jippenja ruħu li jżomm lura milli jibda Proċedimenti ta' Arbitraġġ Ġodda skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 u jkollu t-tul ta' żmien preskrifti mil-liġi nazzjonali applikabbli.

3. Għal aktar ċertezza, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati Bilaterali dwar l-Investiment itterminati skont dan il-Ftehim ma għandhomx jitqiesu bħala parti mil-liġi applikabbli fil-proċedimenti mressqa quddiem qorti nazzjonali skont dan il-Ftehim.

4. Għal aktar ċertezza, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu interpretati bħala li joħolqu xi rimedju ġudizzjarju ġdid li ma jkunx disponibbli għall-investitur skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

5. Il-qrat nazzjonali għandhom jieħdu kont ta' kull kumpens li jkun tħallas qabel fil-Proċedimenti ta' Arbitraġġ Pendentii bil-ħsieb li jiġi evitat kumpens dopju.

Taqsimma 4

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 11

Depożitarju

1. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jaġixxi bħala d-Depożitarju ta' dan il-Ftehim.

2. Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti bi:

- (a) kwalunkwe deċiżjoni dwar l-applikazzjoni provviżorja skont l-Artikolu 17;
- (b) id-depożitu ta' kwalunkwe strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni skont l-Artikolu 15;
- (c) id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 16(1);
- (d) id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal kull Parti Kontraenti skont l-Artikolu 16(2).

3. Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jippubblika l-Ftehim f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 12

Annessi

1. L-annessi għal dan il-Ftehim jagħmlu parti integrali minnu.

2. Jekk Trattat Bilaterali dwar l-Investiment elenkat fl-Anness A ma jkunx fis-seħħ fid-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim għall-Partijiet Kontraenti rilevanti, iżda l-investimenti li jkunu saru qabel tali terminazzjoni xorta jistgħu jaqgħu fil-kamp ta'applikazzjoni tiegħu permezz tal-Klaw sola ta' Estinzjoni tiegħu, għandu jitqies bħala Trattat Bilaterali dwar l-Investiment elenkat fl-Anness B.

Artikolu 13

Riżervi

Ma tista' ssir ebda riżerva għal dan il-Ftehim.

Artikolu 14

Soluzzjoni ta' tilwim

1. Tilwim bejn il-Partijiet Kontraenti rigward l-interpretażżjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu, jekk possibbli, jiġi solvut amikevolment.

2. Jekk tilwima bejn il-Partijiet Kontraenti ma tistax tīgi solvuta amikevolment fi żmien 90 jum, it-tilwima għandha, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti involuti fit-tilwima, titressaq quddiem il-QĠUE skont l-Artikolu 273 TFUE.

3. Għal aktar ċertezza, dan l-Artikolu jikkostitwixxi ftehim speċjali bejn il-Partijiet Kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 273 TFUE.

Artikolu 15

Ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni

Dan il-Ftehim għandu jkun suġġett għal ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiddepożitaw l-strumenti tar-ratifikasi, tal-aprovazzjoni jew tal-aċċettazzjoni mad-Depożitarju.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ 30 jum kalendarju wara d-data li fiha d-Depożitarju jirċievi t-tieni strument ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni.

2. Għal kull Parti Kontraenti li tirratifikasi, taċċettah jew tapprova wara d-dħul fis-seħħ tiegħu skont il-paragrafu 1, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ 30 jum kalendarju wara d-data tad-depożitu minn tali Parti Kontraenti tal-strument tagħha ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni.

3. Meta Parti Kontraenti li tkun parti fi Proċediment ta' Arbitraġġ Pendentiri tirratifika, taprova jew taċċetta dan il-Ftehim, hija għandha, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal dik il-Parti Kontraenti, tinforma lill-parti l-oħra fil-proċedimenti dwar dan il-fatt. Dik il-komunikazzjoni għandha tinkludi referenza għal jekk, b'dik ir-ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni, it-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment rilevanti jitwaqqafx jew jekk ir-ratifika, l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni mill-Parti Kontraenti l-oħra għal dak it-Trattat ikunux għadhom pendentti.

Artikolu 17

Applikazzjoni provviżorja

1. Il-Partijiet Kontraenti, skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom stess, jistgħu jiddeċiedu li jaapplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifika lid-Depożitarju b'kull tali deċiżjoni.
2. Meta ż-żewġ partijiet għal Trattat Bilaterali dwar l-Investiment ikunu ddeċidew li jaapplikaw dan il-Ftehim fuq bażi provviżorja, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom jaapplikaw fir-rigward ta' dak it-Trattat 30 jum kalendarju mid-data tal-aħħar deċiżjoni dwar l-applikazzjoni provviżorja.

Artikolu 18

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim, imfassal f'kopja oriġinali waħda bl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Kroat, Latvjan, Litwan, Malti, Netherlandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Taljan u Ungeriż, bit-test fkull wieħed minn dawn il-lingwi jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat fl-arkivji tad-Depożitarju.

Съставено в Брюксел на пети май две хиляди и двадесета година.

Hecho en Bruselas, el cinco de mayo de dos mil veinte.

V Bruselu dne pátého května dva tisíce dvacet.

Udfærdiget i Bruxelles den femte maj to tusind og tyve.

Geschehen zu Brüssel am fünften Mai zweitausendzwanzig.

Kahe tuhande kahekümnenda aasta maiku viiendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις πέντε Μαΐου δύο χιλιάδες είκοσι.

Done at Brussels on the fifth day of May in the year two thousand and twenty.

Fait à Bruxelles, le cinq mai deux mille vingt.

Sastavljeni u Bruxellesu petog svibnja godine dvije tisuće dvadesete.

Fatto a Bruxelles, addì cinque maggio duemilaventi.

Briselē, divi tūkstoši divdesmitā gada piektajā majā.

Priimta du tūkstančiai dvidešimtų metų gegužės penktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétézer-huszadik év május havának ötödik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-ħames jum ta' Mejju fis-sena elfejn u għoxrin.

Gedaan te Brussel, vijf mei tweeduizend twintig.

Sporządzono w Brukseli dnia piątego maja roku dwa tysiące dwudziestego.

Feito em Bruxelas, em cinco de maio de dois mil e vinte.

Întocmit la Bruxelles la cinci mai două mii douăzeci.

V Bruseli piateho mája dvetisícdvadsat'.

V Bruslju, petega maja dva tisoč dvajset.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.


Cette signature engage également la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България



Za Českou republiku



For Kongeriget Danmark

Für die Bundesrepublik Deutschland

Eesti Vabariigi nimel

Για την Ελληνική Δημοκρατία

Por el Reino de España

Pour la République française

Za Republiku Hrvatsku

Per la Repubblica italiana

Για την Κυπριακή Δημοκρατία

Latvijas Republikas vārdā –



Lietuvos Respublikos vardu




Pour le Grand-Duché de Luxembourg



Magyarország részéről




Għar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku

Peter Jauš

—
Peter Jauš

ANNESS A (1)

LISTA TAT-TRATTATI BILATERALI DWAR L-INVESTIMENT LI HUMA TTERMINATI B'DAN IL-FTEHIM

| Stat Membru | Parti/Partijiet | Titolu tat-Trattat | Data tal-iffirmar | Data tad-dħul fis-seħħ |
|---|-----------------|--|-------------------|------------------------|
| L-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża | HU | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika Popolari Ungerija dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 14.05.1986 | 23.09.1988 |
| | BG | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika Popolari tal-Bulgarija dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 25.10.1988 | 29.05.1991 |
| | PL | Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Belgiu u l-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgo, minn naħa waħda, u l-Gvern tar-Repubblika Popolari Pollakka, min-naħa l-oħra, dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 19.05.1987 | 02.08.1991 |
| | CZ | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 24.4.1989 | 13.02.1992 |
| | SK | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 24.4.1989 | 13.02.1992 |
| | MT | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika tal-Malta dwar l-inkoraggiament u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 05.03.1987 | 15.06.1993 |
| | LV | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika tal-Latvja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 27.03.1996 | 04.04.1999 |
| | CY | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika ta' Ċipru dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti u skambju ta' ittri | 26.02.1991 | 05.06.1999 |
| | LT | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika tal-Litwanja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 15.10.1997 | 06.09.1999 |
| | EE | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Estonja, fuq in-naħa l-oħra dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 24.01.1996 | 23.09.1999 |
| | RO | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u l-Gvern tar-Rumanija dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 04.03.1996 | 09.03.2001 |

(1) Biex jiġi evitat kull dubju, kull Trattat Bilaterali dwar l-Investiment elenkat f'dan l-Anness jinkludi, skont il-każ, kwalunkwe emenda, protokoll, anness jew skambju ta' ittri għalih.

| Stat Membru | Parti/Partijiet | Titolu tat-Trattat | Data tal-iffirmar | Data tad-dħul fis-seħħ |
|-----------------------------|-----------------|---|-------------------|------------------------|
| | SI | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u l-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 01.02.1999 | 14.01.2002 |
| | HR | Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 31.10.2001 | 28.12.2003 |
| Ir-Repubblika tal-Bulgarija | MT | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.06.1984 | 07.02.1985 |
| | DE | Trattat bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.04.1986 | 10.03.1988 |
| | CY | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru dwar l-inkoraġġiment u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.11.1987 | 18.05.1988 |
| | FR | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża dwar l-inkoraġġiment u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 05.04.1989 | 01.05.1990 |
| | BLEU | Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża dwar il-promozzjoni reċiproka u l-protezzjoni tal-investimenti | 25.10.1988 | 29.05.1991 |
| | SK | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Slovakka għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 21.07.1994 | 09.03.1995 |
| | PL | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 11.04.1994 | 09.03.1995 |
| | EL | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Ellenika għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.03.1993 | 29.04.1995 |
| | DK | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Renju tad-Danimarka dwar il-promozzjoni reċiproka u l-protezzjoni tal-investimenti | 14.04.1993 | 20.05.1995 |
| | RO | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Rumanija dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 01.06.1994 | 23.05.1995 |
| | HU | Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' l-Ungaria dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 08.06.1994 | 07.09.1995 |
| | HR | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 25.06.1996 | 20.02.1998 |

| Stat Membru | Parti/Partijiet | Titolu tat-Trattat | Data tal-iffirmar | Data tad-dħul fis-seħħ |
|--------------------|-----------------|--|-------------------|------------------------|
| | ES | Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Renju ta' Spanja dwar il-promozzjoni reċiproka u l-protezzjoni tal-investimenti | 05.09.1995 | 22.04.1998 |
| | CZ | Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika Ċeka għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 17.03.1999 | 30.09.2000 |
| | PT | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Portugiża għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 27.05.1993 | 20.11.2000 |
| | SI | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja dwar il-Promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 30.06.1998 | 26.11.2000 |
| | NL | Ftehim ta' inkoraggjiment u ta' protezzjoni reċiproka tal-investimenti bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Renju tan-Netherlands | 06.10.1999 | 01.03.2001 |
| | LV | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 04.12.2003 | 23.07.2004 |
| | LT | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Promozzjoni u l-protezzjoni tal-investimenti | 21.11.2005 | 25.04.2006 |
| Ir-Repubblika Ċeka | FR | Ftehim bejn ir-Repubblika Federattiva Ċeka u Slovakka u r-Repubblika Franċiża dwar l-inkoraggjiment reċiproku u l-protezzjoni tal-investimenti | 13.09.1990 | 27.09.1991 |
| | ES | Ftehim għall-protezzjoni u promozzjoni reċiproka tal-investimenti bejn ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka (⁹) u r-Renju ta' Spanja | 12.12.1990 | 28.11.1991 |
| | BLEU | Ftehim bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża dwar il-promozzjoni reċiproka u l-protezzjoni tal-investimenti | 24.04.1989 | 13.02.1992 |
| | DE | Trattat bejn ir-Repubblika Federattiva Ċeka u Slovakka u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 02.10.1990 | 02.08.1992 |
| | NL | Ftehim dwar l-inkoraggjiment u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti bejn ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka u r-Renju tan-Netherlands | 29.04.1991 | 01.10.1992 |

(⁹) Qed jiġi ċċarat, għal aktar ġertezza, li fejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja jew ir-Repubblika Federattiva Ċeka u Slovakka jissemmew bħala parti għal Trattat Bilaterali dwar l-Investimenti elenkat f'dan l-Anness, ir-referenza għar-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja jew ir-Repubblika Federattiva Ċeka u Slovakka għandha tinfiehem bħala referenza għar-Repubblika Ċeka u/jew ir-Repubblika Slovakka, skont il-każi.

| Stat Membru | Parti/Partijiet | Titolu tat-Trattat | Data tal-iffirmar | Data tad-dħul fis-seħħ |
|------------------------|-----------------|---|-------------------|--|
| | EL | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka u l-Gvern tar-Repubblika Ellenika għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 03.06.1991 | 30.12.1992 (CZ) 31.12.1992 (EL) |
| | RO | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern tar-Repubblika tar-Rumanija għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 08.11.1993 | 28.07.1994 |
| | PT | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern tar-Repubblika Portugiżha għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.11.1993 | 03.08.1994 |
| | HU | Ftehim bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Ungerija għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 14.01.1993 | 25.05.1995 |
| | LT | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 27.10.1994 | 12.07.1995 |
| | HR | Ftehim bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Kroazja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 05.03.1996 | 15.05.1997 |
| | BG | Ftehim bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Bulgarija għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 17.03.1999 | 30.09.2000 |
| | CY | Ftehim bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika ta' Ċipru għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 15.06.2001 | 25.09.2002 |
| Ir-Renju tad-Danimarka | HU | Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu Ungeriż għall-inkoraġġiment u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti. | 02.05.1988 | 01.10.1988 |
| | SK | Ftehim bejn ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 06.03.1991 | 19.09.1992 (Suċċessjoni 01.01.1993) |
| | LT | Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 30.03.1992 | 08.01.1993 |
| | LV | Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 30.03.1992 | 18.11.1994 |
| | BG | Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 14.04.1993 | 20.05.1995 |
| | HR | Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 05.07.2000 | 12.01.2002 |

| Stat Membru | Parti/Partijiet | Titolu tat-Trattat | Data tal-iffirmar | Data tad-dħul fis-seħħ |
|-------------------------------------|-----------------|---|-------------------|------------------------|
| | SI | Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 11.05.1999 | 30.03.2002 |
| Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja | EL | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju tal-Greċja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 27.03.1961 | 15.07.1963 |
| | MT | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u Malta dwar l-inkoraġġiment u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 17.09.1974 | 14.12.1975 |
| | PT | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Portugiża għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 16.09.1980 | 23.04.1982 |
| | HU | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Popolari Ungerija għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 30.04.1986 | 07.11.1987 |
| | BG | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Popolari tal-Bulgarija għall-promozzjoni reċiproka u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.04.1986 | 10.03.1988 |
| | CZ | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Federattiva Ċeka u Slovakka għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 02.10.1990 | 02.08.1992 |
| | SK | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Federattiva Ċeka u Slovakka għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 02.10.1990 | 02.08.1992 |
| | LV | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Latvja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 20.04.1993 | 09.06.1996 |
| | EE | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Estonja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.11.1992 | 12.01.1997 |
| | LT | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Litwanja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 28.02.1992 | 27.06.1997 |
| | SI | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tas-Slovenja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 28.10.1993 | 18.07.1998 |
| | RO | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Rumanija għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 25.06.1996 | 12.12.1998 |
| | HR | Trattat bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Kroazja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti (¹) | 21.03.1997 | 28.09.2000 |

(¹) Għal aktar ċertezza, huwa ċċarat li t-terminazzjoni formali minn dan il-Ftehim tat-Trattat Bilaterali dwar l-Investiment bejn il-Ġermanja u l-Kroazja ma għandhiex tiġi interpretata li tfisser li t-TBI bejn il-Ġermanja u dik li qabel kienet ir-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja (SFRY) fir-relazzjonijiet bejn il-Ġermanja u l-Kroazja, jista' jerġa' jingħata l-ħajja. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tat-TBI bejn il-Ġermanja u l-eks-SFRY fir-relazzjonijiet bejn il-Ġermanja u xi stati fformati fit-territorju ta' dik li qabel kienet SFRY li mhumiex Stati Membri tal-UE.

| Stat Membru | Parti/Partijiet | Titolu tat-Trattat | Data tal-iffirmar | Data tad-dħul fis-seħħ |
|---------------------------|-----------------|---|-------------------|------------------------------------|
| Ir-Repubblika tal-Estonja | NL | Ftehim ta' inkoraġġiment u protezzjoni reċiproka tal-investimenti bejn ir-Repubblika tal-Estonja u r-Renju tan-Netherlands | 27.10.1992 | 01.09.1993 |
| | FR | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża dwar l-inkoraġġiment u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 14.05.1992 | 25.09.1995 |
| | LV | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 07.02.1996 | 23.05.1996 |
| | LT | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 07.09.1995 | 20.06.1996 |
| | DE | Trattat bejn ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.11.1992 | 12.01.1997 |
| | ES | Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Estonja u r-Renju ta' Spanja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 11.11.1997 | 01.07.1998 |
| | EL | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja u l-Gvern tar-Repubblika Ellenika dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 17.04.1997 | 01.08.1998 (EL) 07.08.1998 (EE) |
| | BLEU | Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Estonja, fuq naħa, u l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 24.01.1996 | 23.09.1999 |
| Ir-Repubblika Ellenika | DE | Trattat bejn ir-Renju tal-Greċja u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 27.03.1961 | 15.07.1963 |
| | HU | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika Popolari Ungerija għall-inkoraġġiment u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 26.05.1989 | 01.02.1992 |
| | CZ | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 03.06.1991 | 30.12.1992 (CZ) 31.12.1992 (EL) |
| | SK | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 03.06.1991 | 31.12.1992 |
| | CY | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru għall-promozzjoni reċiproka u l-protezzjoni tal-investimenti | 30.03.1992 | 26.02.1993 |
| | BG | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 12.03.1993 | 29.04.1995 |

| Stat Membru | Parti/Partijiet | Titolu tat-Trattat | Data tal-iffirmar | Data tad-dħul fis-seħħ |
|---------------------|-----------------|---|-------------------|------------------------------------|
| | LT | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 19.07.1996 | 10.07.1997 |
| | LV | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 20.07.1995 | 08.02.1998 (EL) 09.02.1998 (LV) |
| | RO | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Rumanija dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 23.05.1997 | 11.06.1998 (RO) 12.06.1998 (EL) |
| | EE | Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti | 17.04.1997 | 01.08.1998 (EL) 07.08.1998 (EE) |
